# Il-Ħadd 20.09.2015

1. Illum 20/09, **Jum il-Missjoni tal-Art Imqaddsa**:
   - Il-ġabra tal-quddies tmur għal dan l-iskop.

2. Il-Ħamis 24/09:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 26/09:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 27/09:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

Għandna diversi avviżi marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:

5. Dawk il-ġenituri li jixtiequ jiktbu lil uliedhom għad-duttrina għall-ewwel darba, għandhom jieħdu magħhom iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-uffiċċju parrokkjali tal-knisja fejn irċevew il-Magħmudija uliedhom.

6. Il-Quddiesa tal-Bidu, li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal, ser issir nhar il-Ħamis 1/10 fis-6:30pm.

7. Infakkar li l-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| **Subien:** | *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (barra l-Erbgħa):- bejn is-7:00pm u t-8:00pm.<br>Is-Sibt:- bejn is-6:00pm u s-7:30pm.<br>Il-Ħadd AM:- Quddiesa tat-8:15am u wara MUSEUM sal-10:30am.<br>Il-Ħadd PM:- bejn it-3:00pm u s-6:00pm. |
| **Bniet:** | *Yr 1, Yr 3, Yr 5 u Fm1*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-5:00pm u s-5:45pm |
| | *Yr 2, Yr 6, u Fm2*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-6:00pm u s-6:45pm |
| | *Yr 4 u minn Fm3 'il fuq*: | It-Tlieta u l-Ġimgħa:- bejn il-5:45pm u s-6:30pm. |

   Importanti li ma nimpenjawx lit-tfal bi privatijiet u lezzjonijiet tal-kant, żfin, futboll, eċċ, f'dawn il-ħinijiet.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 30 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.